MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 2/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Grixti**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Emanuel Grixti, detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 128558(M) talli fis-17 ta’ Mejju 2012 għall-ħabta ta’ 23:20 hrs ġewwa Vjal il-Blue Grotto, Zurrieq u bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer:

(1) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta’ vettura Nru. DAU-634 fit-triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

(2) ġewwa l-ghassa tal-Pulizija ta’ Zejtun irrifjuta jew naqas li jagħti kampjun tan-nifs meta kie mitlub li jagħmel hekk skond il-liġi.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Emanuel Grixti jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perijodu ta’ żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tal-11 ta’ Diċembru 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Emanuel Grixti ħati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti u lliberatu minnhom;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-2 ta’ Jannar 2013 fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, wara li tqis bir-reqqa l-provi f’dan il-każ kif ukoll il-liġi applikabbli, issib lill-appellat Emanuel Grixti ħati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet il-provi; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Fis-seduta tat-23 ta’ Jannar 2013 id-difensur ta’ l-appellat eċċepixxa n-*ne bis in idem* stante li l-appellat diga` tressaq quddiem Tribunal tal-Kunsilli Lokali fejn ġie akkużat illi rema’ loqma ta’ sigarett meta kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu fl-istess ħin u post mertu ta’ dan il-każ.

**6.** Issa, skond l-artikolu 527 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta: **“Wara sentenza li f’kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra.”** Fin-Noti tiegħu dwar il-Proċedura Kriminali, il-Professur Anthony Mamo jgħid hekk:

**‘But it must be strongly emphasised that for the plea to succeed the fresh proceedings must be placed on the very same fact. (Criminal Appeal: ‘Il-Pulizija vs Piscopo’ 21 ta’ Marzu 1953). The mere circumstances**

**that an act is done more or less at the same time (nello stesso contesto) as another act does not necessarily mean that they constitute one and the same fact, if the two are materially distinguishable as separate events. (v. Cr.App. 'Pulizija vs Saliba 28/2/1953 and Pol versus Cassar 9/1/1954; cf also Cr.App Police versus Attard.')**[1]

Huwa evidenti li fil-każ in eżami, it-tfigħ ta' loqma ta' sigarett waqt li l-appellat kien qiegħed isuq ma jikkostitwix l-istess fatt tal-manjiera tas-sewqan. Għalhekk l-eċċezzjoni mqajma mill-appellat hi miċħuda.

**7.** L-aggravji ta' l-appellant Avukat Ġenerali huma li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-provi fid-dawl tal-liġi applikabbli. L-Avukat Ġenerali jibbaża l-appell tiegħu fuq l-affidavits tal-Pulizija fejn dawn qalu li waqqfu lill-appellat wara li rawh iserrep u jibbrejkja f'daqqa u jarmi loqma ta' sigarett, u meta marru jkellmuh huwa beda jtawwal il-kliem u nnutawlu "riħa qawwija ta' xorb". L-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat wara li kkonkludiet illi l-appellat fil-fatt kellu *"speech impediment"* u li ma kienx fis-sakra meta kellem lill-Pulizija.

**8.** Din il-Qorti semgħet lill-appellat u m'hemmx dubju illi huwa għandu *"speech impediment"*. Skond l-appellat meta waqqfuh il-Pulizija, l-ewwel ħaġa li talbuh ismu għax rema sigarett barra u ma semmewlu xejn dwar il-manjiera ta' sewqan. Meta ġie biex jitkellem, peress illi minn twelidu jtemtem, ħasbuh li kien fis-sakra u b'hekk talbuh jagħmel il-*breathalyser*. Huwa jikkontendi illi kull ma kien xorob dakinhar kienu żewġt ifliexken birra iżda li kellu inkwiet kbir minħabba ħuh li kellu marda terminali. Dwar ir-rifjut tiegħu li jagħmel it-test tal-*breathalyser* jgħid illi huwa għandu attakk tal-qalb fuqu u mistoqsi jekk iridx jew le jagħmel il-*breathalyser* iffirma li ma jagħmilhiex.

**9.** Filwaqt illi l-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha *beyond reasonable doubt*, l-imputat jista' jxejjen il-provi tal-prosekuzzjoni *on a balance of probability*. Fil-każ in

[1] Vide Mamo Anthony Professur: Notes on Criminal Procedure page 45

eżami, din il-Qorti hi tal-fehma, wara li semgħet lill-appellat *viva voce*, illi l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tikkonkludi li ma ġiex ippruvat illi l-appellat kien fis-sakra fil-ġurnata in kwistjoni. Kwantu għar-rifjut li jagħti kampjun tan-nifs, fil-fehma ta’ din il-Qorti huwa applikabbli l-*proviso* tas-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 15E tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**10.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------